Qorti ta' l-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell Civili:- 36/2013/1

**Frans Farrugia [I.D. 722648 M]** **(appellat)**

**vs**

**Malta Resources Authority** **(appellanti)**

30 ta' Jannar, 2017.

1. Din il-kawza titratta applikazzjoni ghar-registrazzjoni ta' borehole minn Frans Farrugia f'raba' fi Triq l-Iljun, Ta' l-Istabar, il-Marsa. Illi l-Awtorita' intimata cahdet l-applikazzjoni tal-attur u l-appellat ippropona proceduri quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi li mbaghad tkomplew quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

2. Permezz ta' sentenza moghtija fis-17 ta' Novembru 2015, it-Tribunal iddecieda:

*"[...] jilqa' l-appell interpost mir-rikorrenti u qieghed jirrevoka u jhassar id-decizjoni tal-Awtorita' intimata datata 28 ta' Settembru 2011 u jidderigi lill-istess Awtorita' intimata sabiex taghmel dak kollu necessarju sabiex is-sors tar-rikorrenti jigi meqjus bhala sors notifikat validament ai termini tal-Avviz Legali 204 tal-2009.*

*Bl-ispejjez kontra l-Awtorita' intimata."*

3. Illi minn din is-sentenza appellat l-Awtorita' fejn spjegat li l-aggravji huma li t-Tribunal:

i. Ibbaza d-decizjoni fuq informazzjoni li l-kumitat ma kellux f'idejh fil-mument li ttiehdet id-decizjoni li dwarha sar dan l-appell;
ii. Ma kkunsidratx li l-appellat biddel il-verzjoni tieghu;
iii. M'apprezzax il-bazi li fuqha ttiehdet id-decizjoni mill-kumitat *ai terminu* tal-Artikolu 25 tal-Kapitolu 423 u li l-appellat ma provda l-ebda cirkostanza specjali li kienet timmerita li huwa jinghata l-possibilta' li jirregistra l-imsemmija *borehole* wara l-gheluq tat-terminu ta' registrazzjoni tal-25 ta' Novembru 2008;
iv. Naqset li tapprezza s-sottomissjonijiet dwar it-tieni aggravju tal-appellat fis-sens illi l-Kumitat ma kellu l-ebda hjiel tal-informazzjoni li l-Ewwel Qorti kellha quddiemha u d-decizjoni tal-Kumitat ittiehdet fuq l-informazzjoni li kellu quddiemu dak iz-zmien;

4. L-appellat wiegeb:

i. Ghal rigward tal-ewwel aggravju, dan irrizulta li hu bla bazi anke minn harsa *prima facie* lejn l-atti processwali. Fil-fatt l-appellant fl-appell tieghu ma ressaq l-ebda informazzjoni differenti jew dokumentazzjoni differenti minn dik li huwa kien

issottometta ma' l-applikazzjoni originali tieghu u ghalhekk wiehed ma jifhimx ghal-liema informazzjoni l-appellanti talludi li l-kumitat imwaqqaf fi hdana ma kellux f'idejh fil-mument li ha d-decizjoni li dwara sar l-appell in kwistjoni;

ii. Fir-rigward it-tieni aggravju, dan ukoll bla bazi. Ghalkemm l-appellanti tallega li b'xi mod l-appellat biddel il-verzjoni tieghu mill-prezentata tal-appell sat-trattazzjoni tieghu, imkien ma tindika fejn tirrizulta din il-bdil tal-verzjoni;

iii. Fir-rigward tat-tielet aggravju, dan mhux biss huwa wiehed infondat fil-fatt u fid-dritt izda sahansitra jipprova jirredikola d-decizjoni tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

iv. Fir-rigward tar-raba' aggravju, dan huwa biss ripetizzjoni tal-aggravji l-ohra precedenti u ghalhekk l-osservazzjonijiet maghmula hawn qabel japplikaw ghalih ukoll;

v. Fir-rigward tal-hames aggravju, l-appellat ftit li xejn ghandu osservazzjonijiet x'jaghmel stante illi dan huwa konsegwenzjali ghas-success *o meno* tal-appell tal-Awtorita' appellanti;

5. **Fatti.**

i. Fit-12 ta' Novembru, 2010 l-appellat ipprezenta applikazzjoni ghan-notifika ta' sors ta' ilma taht l-art. Applikazzjoni li saret a bazi tar-regolament 3 tal-Avviz Legali 249 tal-2009. Permezz ta' affidavit datat 11 ta' Novembru, 2010, l-appellat, Emanuel Farrugia u Anthony Farrugia ddikjaraw li fil-bidu tal-2010 *"…. kienet ghamlet hafna xita u nfehet toqba li qabel kienet mghottija bil-hamrija"*.

ii. B'ittra tat-28 ta' Settembru 2011, l-Awtorita nfurmat lill-appellat li l-applikazzjoni giet michuda ghaliex, *"qies li cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa ma jezistux bhal fil-kaz tal-applikazzjoni tieghek."* (Dok FF3).

iii. L-appellat Frans Farrugia appella minn din id-decizjoni quddiem il-Bord tal-Appelli dwar ir-Rizorsi. L-aggravji kienu li jezistu c-cirkostanzi specjali kontemplati fl-artikolu 3 tal-avviz legali 204 tal-2009 sabiex tigi accettata l-applikazzjoni minkejja li l-applikazzjoni saret wara l-20 ta' Novembru 2008; id-decizjoni tal-Awtorita ma taghti l-ebda raguni ghalfejn l-applikazzjoni giet michuda; l-ispecifikazzjonijiet teknici mposti fid-decizjoni tal-Awtorita ma jistghux isiru minhabba li l-appellant m'ghandux kontroll fuq is-sors ewlieni tal-ilma.

iv. Eventwalment bid-dhul fis-sehh tal-Kap. 490, il-kaz tkompla jinstema' quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva.

**Konsiderazzjoni.**

6. Skont l-artikli 35 u 36 tal-Att dwar l-Awtorita ta' Malta dwar ir-Rizorsi (Kap. 423):

*"35. (1) It-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva jkun kompetenti li jisma' u jiddeċiedi kull appell li jinġieb quddiemu skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u regolamenti magħmulin taħtu; u, bla ħsara għall-artikolu 36, id-deċiżjonijiet tal-imsemmi Tribunal għandhom ikunu finali u konklużivi.*

*36. (1) Parti f'appell quddiem it-Tribunal li tħoss ruħha aggravata b'deċiżjoni tat-Tribunal, jew l-Awtorità jekk din tħoss ruħha mhux sodisfatta b'xi deċiżjoni bħal dik, tista'* ***fuq punt ta' liġi*** *tappella quddiem il-Qorti tal-Appell skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva".*

7. L-Avviz Legali 204 tal-2009 ipprovda ghar-registrazzjoni tardiva ta' sorsi ta' ilma ta'

taht l-art. Skond regolament 2:

*"Iżda l-Awtorità għandha, mill-15 ta' Lulju, 2009 sa dik id-data li tiġi stabbilita mill-Ministru permezz ta' avviż fil-Gazzetta, taċċetta applikazzjonijiet għan-notifika ta'* ***sorsi ta' ilma ta' taħt l-art*** *li ma kinux ġew ippreżentati lilha sa l-20 ta' Novembru, 2008, meta l-fatt li ma tkunx saret dik in-notifika jkun ġustifikat b'raġunijiet* ***minħabba ċirkustanzi speċjali li jkunu xierqa****:*

***Iżda wkoll huma biss dawk iċ-ċirkustanzi speċjali li jkunu ġustifikati u xierqa, li jitqiesu kif imiss minn kumitat imwaqqaf mill-Ministru skond l-artikolu 25 ta' l-Att, għandhom jitqiesu validi mill-Awtorità.***

***Flimkien man-notifika, utent ta' sors tal-ilma ta' taht l-art ghandu wkoll jipprezenta affidavit li jigi mahluf u konfermat taht gurament quddiem kummissjunarju b'setgha li jaghti gurament, fejn jigu specifikat fl-affidavit ir-ragunijiet u c-cirkostanzi specjali xierqa li jkunu jiggustifikaw id-dewmien tan-notifika, flimkien ma' kull prova u dokumentazzjoni ohra li jistghu jkunu mehtiega sabiex jigi ppruvat il-kontenut tal-affidavit****".*

8. It-Tribunal laqa' t-talba tal-appellat wara li qies li:

i. Mir-rapport tal-membri teknici tat-Tribunal irrizulta li s-sors tal-ilma oggett tal-applikazzjoni tal-appellat, jikkwalifika bhala sors tal-ilma ta' taht l-art kif definit fil-Legislazzjoni Sussidjarja 423.20.
ii. Hu teknikament possibbli li t-toqba kienet thaffret sabiex isiru verifiki dwar il-kundizzjoni tal-blat bil-ghan li jsir zvilupp fuq l-art.
iii. Mill-provi rrizulta li l-appellat ma seta' qatt ikun jaf bis-sors tal-ilma qabel ix-xita garret il-hamrija sal-punt li giet skoperta l-istess toqba.

9. Fl-ewwel aggravju l-appellant isostni li t-Tribunal ibbaza d-decizjoni fuq taghrif li l-kumitat ma kellux f'idejh fil-mument li ttiehdet id-decizjoni li dwarha sar l-appell. L-estratt mis-sentenza li l-appellat irrefera ghaliha f'paragrafu 4.1 mhuwiex bazat fuq taghrif li l-kumitat ma kellux quddiemu meta ddecieda li jichad id-decizjoni tal-appellat. L-appellanti qalet:

*"4.5 Illi jekk tressqet xi informazzjoni ohra fi stadju antecedent u cioe' fil-fazi tal-appell, u wara li kienet ittiehdet id-decizjoni mill-Awtorita, din l-informazzjoni ma setghet qatt tifforma l-bazi li fuqha l-ewwel Qorti kellha timmotiva d-decizjoni taghha, u huwa logiku li gialadarba din ma kinitx disponibbli ghall-Awtorita', allura l-istess Awtorita ma setghetx bl-ebda mod tikkunsidra din l-informazzjoni u tifforma l-bazi ta' decizjoni taghha fuqha – u kienet korretta meta cahdet l-applikazzjoni tardiva tal-appellat".*

Pero' fir-rikors tal-appell ma ntqalx x'inhu t-taghrif li kellu t-Tribunal li ma kienx disponibbli ghall-Kumitat li minnha l-appellat kien appella quddiem il-Bord tal-Appelli dwar Rizorsi. Dan apparti li fl-ebda stadju tal-proceduri quddiem it-Tribunal, ma jirrizulta li l-appellanti oggezzjonat ghall-provi li tressqu. Ovvjament provi kellhom jinstemghu gialadarba l-ezercizzju li sar quddiem it-Tribunal kien stharrig ta' decizjoni li hadet l-Awtorita. Hekk per ezempju sabiex it-Tribunal ikun jista' jiddeciedi, kien rilevanti li jkun jaf x'kienet ir-raguni li wasslet lill-appellanti biex tichad l-applikazzjoni.

10. Fit-tieni aggravju l-appellanti tistieden lill-qorti sabiex terga' taghmel apprezzament tal-provi. Issostni li l-appellat kien biddel il-verzjoni in kwantu fir-rikors tal-appell

ammetta li s-sors tal-ilma ghamilha hu stess filwaqt li mbaghad ta verzjoni li nstabet wara maltempata. Il-qorti ma jirrizultalhiex li l-appellat ta xi verzjonijiet kontradittorji. Meta l-appellanti hadet id-decizjoni, kienet taf x'inhi l-verzjoni tal-appellat (ara l-affidavit). Verzjoni li baqghet l-istess meta l-appellat appella mid-decizjoni tal-appellanti quddiem il-Bord tal-Appell dwar ir-Rizorsi, u fejn iddikjara li kien fis-sena 2010, *"4……, wara maltempata qawwija, b'effett tal-ilma, nfethet toqba fil-wicc tal-hamrija tal-ghalqa tal-esponenti, li minnha beda jnixxi ammont ta' ilma u wara li ghamel il-verifiki necessarji rrizulta sors ta' ilma taht l-art, liema ilma kien tajjeb ghat-tisqija".* Ma jirrizultax li f'dan ir-rikors l-appellat iddikjara li l-s-sors tal-ilma ta' taht l-art kien sar minnu.

Fl-istess aggravju l-appellanti ssostni li l-appellat qatt ma kien jikkwalifika ghall-iskema ntrodotta bl-avviz legali 204 tal-2009, jekk ma kienx jaf bis-sors tal-ilma. Il-qorti ma taqbel xejn ma' dan ir-ragunament. Ir-regolament numru 2 ma jatix lill-qorti x'tifhem li sabiex l-applikant jibbenefika minn registrazzjoni wara l-20 ta' Novembru 2008, kellu jkun jaf bl-ezistenza tas-sors tal-ilma qabel id-data originali. Ovvjament jekk ma kienx jaf bl-ezistenza tas-sors tal-ilma taht l-art, ma setax jirregistraha sal-20 ta' Novembru, 2008.

11. Fit-tielet aggravju, l-appellanti ssostni li l-appellat ma pprovda l-ebda cirkostanza specjali li kienet timmerita li jinghata l-possibilta' li jirregistra s-sors tal-ilma wara li ghalaq it-terminu originali ta' registrazzjoni fil-25 ta' Novembru, 2008. It-Tribunal iddecieda mod iehor, kif wara kollox kellu dritt li jaghmel. Li hu nteressanti hu kif l-appellanti ma kinitx tat raguni cara ghalfejn is-sejbien tas-sors tal-ilma fis-sena 2010, ma kienx jikkwalifika bhala cirkostanza specjali. Mhuwiex bizzejjed li l-appellanti tiddikjara li m'hemmx cirikostanza specjali. Kellha tghid ghalfejn. Haga li m'ghamlitx fid-decizjoni li nnotifikat lill-appellat permezz tal-ittra tat-28 ta' Settembru 2011, u llimitat ruhha biex tiddikjara:

*"Nixtieq ngharrfek li l-Awtorita' kkunsidrat u ma accettatx l-applikazzjoni tieghek.*

*Dan sar wara li l-Kumitat imwaqqaf mill-Ministru tar-Rizorsi u Affarijiet Rurali skont l-Artiklu 25 tal-Att dwar l-Awtorita' ta' Malta dwar ir-Rizorsi qies li* ***c-cirkostanzi specjali li jkunu gustifikati u xierqa ma jezistux bhal fil-kaz tal-applikazzjoni tieghek****".*

L-appellanti pprezentat il-minuti tal-laqgha tal-31 ta' Jannar 2011 li saret mill-advisory committee (fol. 65-69). Fid-dokument a fol. 69 jinghad li l-applikazzjoni ta' Frans Farrugia giet michuda ghaliex:

*"Applicant was not in a position to take advantage of LN…* ***since he was not aware of the existence of the borehole*** *within the allowed period".*

Kien ghalhekk waqt il-gbir tal-provi quddiem it-Tribunal, li rrizulta x'kienet ir-raguni li waslet lill-Awtorita biex tichad l-applikazzjoni. Il-fatt li l-appellat ma kienx jaf li tezisti s-sors tal-ilma taht l-art, ma kellux ikun ta' pregudizzju. Fir-realta' dik kienet ic-cirkostanza specjali li ndividwa t-Tribunal. Fis-sentenza t-Tribunal qal li Antoine Riolo, ufficjal tal-Awtorita, *"… jghid pero li kieku dan is-sors gie notifikat qabel id-deadline ta' Novembru 2008, allura tali notifikazzjoni kienet tigi accettata".* Fir-realta' dan hu proprju dak li jinghad fid-dokument a fol. 69, li hu d-dokument tal-

Awtorita li fih ir-raguni ghalfejn giet michuda l-applikazzjoni. Minn dan hu evidenti li l-Awtorita bbazat id-decizjoni fuq x'kien jaf l-appellat u mhux jekk dak li nstab fl-2010 kien sors tal-ilma ta' taht l-art meta fl-20 ta' Novembru, 2008 ghalaq it-terminu originali.

12. Ir-raba' aggravju jidher li hu ripetizzjoni tal-ewwel aggravju u gew riprodotti partijiet mit-tielet aggravju. Aggravju li ma fih xejn gdid li ma giex diga' kkunsidrat.

**Ghal dawn il-motivi a bazi tal-aggravji li ressaq l-appellant, tichad l-appell bl-ispejjez kontrih.**

Anthony Ellul.